

Brussell, 10 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15162/25  
ADD 1

ATO 77  
CONOP 69

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 665 annex
Suġġett:	ANNESS tar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 665 annex.

Mehmuż: COM(2025) 665 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.11.2025  
COM(2025) 665 final

ANNEX

ANNEX

tar-

**Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)**

## ANNEX

### **FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA U L-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP TAL-ENERĠIJA FIL-PENIŻOLA KOREANA**

IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità", u

L-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP TAL-ENERĠIJA FIL-PENIŻOLA KOREANA,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-KEDO",

Billi:

- (1) Il-KEDO twaqqfet skont il-Ftehim tad-9 ta' Marzu 1995 dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana, kif emendat fid-19 ta' Settembru 1997, bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Korea, tal-Ġappun u tal-Istati Uniti tal-Amerka;
- (2) It-tmien Ftehim konkluż bejn il-Komunità u l-KEDO skada fil-31 ta' Mejju 2024;
- (3) Wara d-deċiżjoni tiegħu li jtemm il-proġett tal-KEDO tar-reatturi nukleari li jużaw l-ilma ordinarju, u wara d-deċiżjoni tal-2007 li jaqdi d-dmirijiet tas-Segretarjat b'persunal imnaqqas ħafna u b'faċilitajiet tal-uffiċċju minimi, fl-2024 il-Bord Eżekuttiv tal-KEDO ddeċieda li l-KEDO tkompli lil hinn mill-31 ta' Mejju 2024;
- (4) Kemm il-Komunità kif ukoll il-KEDO esprimew ix-xewqa li jkomplu l-kooperazzjoni tagħhom bl-oġettiv li jimplementaw it-tmien tal-proġett tar-reatturi nukleari li jużaw l-ilma ordinarju, u li jsir l-istralċ ordnat tal-KEDO;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

#### *Artikolu 1*

##### *Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim preċedenti*

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'xi Artikolu ta' hawn taħt, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim preċedenti bejn il-Komunità u l-KEDO, li skada fil-31 ta' Mejju 2024, għandhom jibqgħu japplikaw skont dan il-Ftehim.

#### *Artikolu 2*

##### *Kontribuzzjoni tal-Komunità*

Ma għandu jkun hemm l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-baġit tal-KEDO skont dan il-Ftehim.

### *Artikolu 3*

#### *Durata*

Dan il-Ftehim għandu jiskadi fil-31 ta' Mejju 2025. Dan għandu jiġġedded awtomatikament kull sena għal perjodu ta' sena oħra, sakemm parti ma tinnotifikax lill-parti l-oħra li tixtieq ittemm il-Ftehim mill-anqas xahar qabel id-data tal-iskadenza tiegħu. Jista' jintemm ukoll b'effett immedjat wara l-irtirar mill-KEDO ta' kwalunkwe wieħed mill-Membri l-oħra bħalissa rrappreżentati fil-Bord Eżekuttiv. Dan il-Ftehim ma għandux jiġġedded lil hinn mill-31 ta' Mejju 2027.

### *Artikolu 4*

#### *Dħul fis-seħħ*

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ mal-iffirmar tiegħu mill-Komunità u l-KEDO, u għandu jkun effettiv b'mod retroattiv mill-1 ta' Ġunju 2024.

Magħmul fi Brussell fi.....il-jum ta' ..... 2025, f'żewġ kopji oriġinali

Għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Magħmul fi New York fi.....il-jum ta' ..... 2025, f'żewġ kopji oriġinali

Għall-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana